STATUT BAŻIKU

GĦALL-FRATELLANZI

Appendiċi III

Il-Kollaborazzjoni Bejn il-Fratellanzi

Segretarjat għall-lajċi

Arċidjoċesi ta' Malta

STATUT BAŻIKU GĦALL-FRATELLANZI

APPENDIĊI III
IL-KOLABORAZZJONI BEJN IL-FRATELLANZI

KONTENUT

Daħla
Ir-Relazzjoni bejn il-Fratelli timbena b'rabta mal-misteru tal-Ewkaristija
Nikbru flimkien fl-Imħabba t'Alla
"Ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina" (Ġw 17,21)
Nixbhu lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu
Dar u skola tal-komunjoni
Spiritwalita' tal-komunjoni fil-prattika
"... u ħobb lil għajrek bħalek innifsek" (Mt 22,39)
Infejqu l-firdiet tas-soċjeta' tagħna
Kollaborazzjoni bejn il-Fratellanzi fil-Parroċċa
Kummissjoni Parrokkjali Fratellanzi
Laqgħa Ġenerali Annwali għall-Fratellanzi fil-Parroċċa
Kollaborazzjoni bejn Fratellanzi minn Parroċċi fi ħdan l-Unita' Pastorali
Kollaborazzjoni bejn Fratellanzi li jħaddnu l-istess Sejħa
Emendi għal Appendiċi III anness ma' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi

Dan id-dokument, li jagħmel parti mill-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi, hu approvat mill-Awtorita' tal-Knisja ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta permezz ta' Digriet datat 13 ta' Settembru 2006.

Daħla

L-iskop ta' dan id-dokument hu biex, permezz ta' referenzi meħudin mid-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan 1999-2003, issir riflessjoni dwar il-valur tal-Komunjoni. Għandu jservi wkoll bħala dokument bażi għal ħidma ta' kollaborazzjoni bejn il-Fratellanzi, u jinqara bħala parti mill-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi.

Ir-Relazzjoni bejn il-Fratelli tinbena b'rabta mal-misteru ta' l-Ewkaristija

Ma hemmx mod aħjar biex nittrattaw ir-relazzjoni bejn il-Fratelli msieħbin fi Fratellanza, milli dak li nħarsu lejn il-misteru ta' l-Ewkaristija. Il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Ittra Appostolika "Ibqa' Magħna Mulej" irregalalna minjiera ta' ħsibijiet profondi li nagħmlu tajjeb li nirriflettu dwarhom u nagħmluhom tagħna:

"Fil-misteru ewkaristiku Ġesu' jibni l-Knisja bħala komunjoni, skond il-mudell suprem imsemmi fit-talba saċerdotali: "Kif int fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" (Ġw 17,21).

"Jekk l-Ewkaristija hija għajn ta' l-għaqda ekkleżjali, hija wkoll manifestazzjoni mill-aqwa. L-Ewkaristija hija epifanija ta' komunjoni.

"Huwa komunjoni fraterna ikkultivata permezz ta' "spiritwalita' ta' komunjoni" li twassalna għal sentimenti ta' ftuħ il-qalb lejn xulxin, biex nifhmu u naħfru lil xulxin.

"Is-saċerdoti, fl-impenn pastorali tagħhom, matul is-sena ta' grazzja għandhom jagħtu attenzjoni dejjem ikbar lill-Quddiesa tal-Ħadd, bħala ċelebrazzjoni li fiha l-komunita' parrokkjali ssib lilha nfisha f'rabta waħda, filwaqt li tara jieħdu sehem fiha ordinarjament gruppi, movimenti, u assoċjazzjonijiet oħra tal-parroċċa."

Imbagħad, fid-dokument maħruġ mill-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u tad-Dixxiplina tas-Sagramenti fl-okkażjoni tas-Sena ta' l-Ewkaristija nsibu suġġeriment ta' ħidma indirizzata lejn l-Assoċjazzjonijiet, Movimenti u Konfraternitajiet:

"L-ispirtu ta' komunjoni, fraternita', kondiviżjoni li jimmotiva l-iskrizzjoni f'xi assoċjazzjoni hu naturalment marbut mal-Misteru Ewkaristiku.

"Jeżistu konfraternitajiet u assoċjazzjonijiet speċjalment intitolati lill-Ewkaristija, lis-Santissmu Sagrament, lid-devozzjoni ewkatristika.

"L-inseriment f'assoċjazzjonijiet, gruppi u movimenti fil-Knisja, li jikkontribwixxi għall-ġid u għall-vitalita' tagħha, skond il-kariżmi tagħhom, jidher fil-laqgħa normali tal-Quddiesa tal-Ħadd fil-parroċċa."

Nikbru flimkien fl-Imħabba t'Alla

Id-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan 1999-2003 għandhom jagħtu direzzjoni ewlenija lill-membri fil-Fratellanzi fil-bini tal-għarfien ta' x'għandha tfisser l-Imħabba t'Alla fir-relazzjoni ta' bejniethon fil-Fratellanza partikolari tagħhom jew ma' Fratelli oħra imsieħbin fi ħdan Fratellanzi oħra. Mingħajr dubju, s-sejħa ta' kull Fratell, bħal ta' kull nisrani, hi li jinbena fl-imħabba t'Alla. Riflessjoni u studju tal-kwotazzjonijiet mid-dokument "Viżjoni ta' Knisja Komunjoni" għandha tkun prijorita' fil-formazzjoni tal-Fratelli biex tgħin fil-bini tar-relazzjoni ta' bejniethom.

"Ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina" (Ġw 17,21)

"L-għaqda ta' bejnietna hi, kif qalilna Ġesu', l-aqwa xhieda li nistgħu nagħtu li aħna dixxipli tiegħu: "Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" (Ġw 17,21).

Permezz tal-Magħmudija, "il-komunita' ta' l-imgħammdin issir fiha nfisha l-komunita' ta' dawk kollha li huma mmarkati bis-sinjal tat-Trinita' Qaddisa. Flimkien, din il-komunita' ssir xhieda tal-komunjoni li hemm fit-Trinita' Qaddisa... Il-ħajja tal-komunita' nisranija, tal-Knisja, għalhekk trid tkun immarkata b'mod qawwi mill-preżenza tat-Trinita' Qaddisa fi ħdanha, biex issir Ikona tat-Trinita' Qaddisa"." *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni 15*

<u>Nixbhu lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu</u>

"Dan nistgħu nifhmuh aħjar billi nġibu quddiem il-moħħ fqajjar u limitat tagħna lit-tliet Persuni tat-Trinita'. Il-Knisja hija tabilħaqq Ikona tat-Trinita' fix-xhieda u l-għajxien ta' kull Persuna tat-Trinita' Qaddisa fiha.

"Fil-Missier u l-Grazzja tiegħu, il-Knisja ssir sagrament: 'Roddu ħajr lill-Missier li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-Saltna tad-dawl...' (Kol 1,12). Il-komunita' ta' l-insara kollha ssir preżenza ta' grazzja fi ħdan l-umanita' kollha: issir sagrament tal-grazzja tiegħu fid-dinja. Meta ssir tixbah lill-Iben magħmul bniedem, il-komunita' tal-fidili ssir hi stess Sinjal u Triq għal dawk li jixtiequ jsiru jafu lil Alla, u qegħdin ifittxu li jogħġbuh...Meta terġa' tiddisponi ruħha biex tixtieq u tilqa' mill-ġdid il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fostha, hija ssir strument tal-fidwa għall-oħrajn. Il-Knisja ssir tiġdid ta' dak li ġara f'Pentekoste: tibda titkellem b'mod ġdid, li anki jekk mhux dejjem jiftiehem, iżda jferraħ il-qalb, u tibda ssir iktar xbieha tat-Trinita' Qaddisa għaliex tibda tgħix mhux f'għeluq fiha nfisha, iżda għall-oħrajn, biex twassal il-Bxara t-Tajba"." *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni 16*

<u>Dar u skola tal-komunjoni</u>

"Biex tabilħaqq ngħixu din il-komunjoni, l-individwi u l-gruppi differenti (istituti ta' ħajja konsagrata u għaqdiet u movimenti, eċċ.) għandhom jagħrfu aktar ċar u jagħtu xhieda aktar ħajja tal-

karìżmi tagħhom b'mod li l-membri l-oħra tal-Knisja jkunu jistgħu jilqgħuhom u japprezzawhom bħala rikkezza fi ħdan il-komunita' u jifhmu wkoll li kull kariżma partikulari ngħatat għas-servizz tal-komunita' ekkleżjali. Hekk nagħrfu li biex tabilħaqq ngħixu din il-komunjoni, aħna rridu nsaħħu dejjem is-sens ta' l-identita' tal-gruppi differenti li hemm fostna. Hekk nagħrfu li fil-Knisja - li għandha tgħix is-sejħa tagħha li tkun "id-dar u l-iskola tal-komunjoni" - hemm post għal kulħadd u li aħna lkoll nikkumplimentaw lil xulxin, u hekk tissaħħaħ u mhux tiddgħajjef l-għaqda.

"Għalhekk, bħala Knisja għandna nkomplu niskopru l-għana tal-ministeri u tal-ministerjalita'. Hekk, il-Knisja tissaħħaħ fil-komunjoni u din issir l-istil tal-ħajja u l-ħidma tagħha meta fl-atteġġjament tal-membri tagħha tkun aktar estroverta u għalhekk tħares 'il barra minnha nfisha. Tkompli tissaħħaħ fil-komunjoni ta' rwoli, kariżmi u ministeri differenti li jikkollaboraw flimkien.

- Dan iwassal u jgħin biex bħala Knisja flimkien niskopru għadd ta' ministeri fil-komunita'. Dawn l-Insara ħutna jingħataw minn min għandu r-rwol li jmexxi ministeri rikonoxxuti skond dak il-qasam li fih huma msejħin biex jagħtu l-għajnuna (p.eż. katekeżi, letturi, ministeru tat-tqarbin, djakonija ma' l-anzjani u l-morda, akkoljenza, ministeru fost il-familji, fil-qasam tal-ġustizzja soċjali, eċċ.).

- Dan naslu għalih billi 'nagħmlu spazju' u 'nagħmlu tagħna' l-ministeri u l-kariżmi ta' l-oħrajn. Għandna nagħrfu l-importanza u l-utilita' ta' l-istrutturi diġa' eżistenti (bħal-laqgħat tad-delegati ta' l-Arċisqof, il-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri Reliġjużi, il- Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi...) u, jekk hemm bżonn, jiżdiedu oħrajn magħhom.

- Tajjeb li jitnieda proċess ta' edukazzjoni tal-komunita' nisranija dwar il-ministeri fi ħdan il-Knisja." *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni 17*

3.4 Spiritwalita' tal-komunjoni fil-prattika

"Fil-Knisja hemm ħafna riżorsi li jistgħu jiġu wżati ferm aħjar. Ħafna individwi jew gruppi tiġihom it-tentazzjoni li jippreferu jaħdmu għal rashom. L-ispiritwalita' tal-komunjoni ma tistax tibqa' biss idejal sabiħ li nitkellmu dwaru u nitolbu li nħaddnu, jekk imbagħad ma nfittxux li npoġġuh fil-prattika bis-serjeta'. Għalhekk irridu verament nimxu flimkien. Fi Knisja li hi komunjoni ta' kariżmi u ta' ministeri diversi "kulħadd hu msejjaħ biex jaħdem flimkien biex iġib 'il quddiem is-saltna ta' Kristu".

- Nemmnu bil-qawwa li matul il-proċess kollu ta' dan is-Sinodu u fis-snin ta' wara, hu meħtieġ li jittieħdu passi konkreti li jwasslu biex:
  - (i) l-Arċisqof, kleru u reliġjużi jkunu tassew qrib xulxin u aktar qrib il-poplu;
  - (ii) ir-relazzjoni bejn is-saċerdoti u l-lajċi tirrifletti l-missjoni, ir-rwol u d-dinjita' ta' l-istat rispettiv tagħhom;
  - (iii) is-saċerdoti djoċesani u r-reliġjużi jaħdmu flimkien l-aktar fejn ikun hemm knejjes tar-reliġjużi f'parroċċi mmexxija minn saċerdoti djoċesani;
  - (iv) tiġi stabbilita x'għandha tkun ir-rabta bejn il-parroċċa u ż-żoni fi ħdan l-istess parroċċa;
  - (v) parroċċi viċin xulxin jaqsmu r-riżorsi bejniethom u bi ftehim ċertu ħidmiet isiru f'parroċċa waħda b'servizz għall-oħrajn kollha;
  - (vi) ir-reliġjużi nisa bħala persuni u s-sehem tagħhom fil-Knisja jkunu verament apprezzati u mħaddma għall-qadi tas-Saltna fid-dawl tas-sinjali taż-żminijiet;
  - (vii) il-persuni b'diżabilita jħossuhom parti integrali mill-Knisja.

- L-ispiritwalita' tal-komunjoni trid tintwera wkoll billi parroċċi u entitajiet tal-Knisja jagħtu għajnuna finanzjarja lil dawk is-sezzjonijiet tal-Knisja li għandhom problemi kbar ta' finanzi, bħalma huma Żoni Awtonomi ġodda, anke jekk dan ifisser sagrifiċċju min-naħa tagħhom.

- Għandha tiġi studjata struttura organizzattiva ta' distretti u unitajiet pastorali bħala waħda mill-possibbiltajiet biex jitwettqu dawn il-proposti." *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni 18*

3.5 "... u ħobb lil għajrek bħalek innifsek" (Mt 22,39)

"Din il-viżjoni ta' Knisja-komunjoni tfisser li nieqfu lill-ħajriet egoistiċi li jaqbdu magħna bla waqfien u jqanqlu l-kompetizzjoni, karririżmu, sfiduċja u għira. Ejjew ma nitqarrqux: jekk ma nimxux f'din it-triq spiritwali, l-istrutturi esterni tal-komunjoni ftit li xejn jistgħu jkunu ta' siwi għalina. Isiru mekkaniżmi mingħajr ruħ, 'maskri' ta' komunjoni, aktar milli mezzi li jfissru din il-komunjoni u jgħinuha tikber u tiżviluppa.

"Għalhekk irridu flimkien ninfetħu għal spiritwalita' anqas individwalista - bla ma nittraskuraw spiritwalita' profondament personali u għaqda intima ma' Alla - u aktar miftuħa għall-oħrajn. Niftakru li t-tieni kmandament hu bħall-ewwel wieħed u li huma inseparabbli." *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni 31*

Infejqu l-firdiet tas-soċjeta' tagħna

"Nemmnu li bħala Knisja profetika li hi wkoll komunjoni għandna nirsistu aktar u ma nieqfu qatt milli nfittxu li nfejqu l-firdiet li jeżistu fostna biex imbagħad inkunu kredibbli meta nipprovaw nfejqu l-firdiet tas-soċjeta' tagħna.

- Għalkemm mhux mifhuma minn kulħadd, bħala Knisja għandna nkomplu fit-triq li qbadna li nkunu profetiċi (i) fejn tidħol il-polarizzazzjoni sfrenata li teżisti f'pajjiżna, (ii) fejn jidħol ir-rispett lejn reliġjonijiet oħra, (iii) kif ukoll f'ċerti deċiżjonijiet iebsa fejn jidħlu, per eżempju, il-festi. Għandna nkomplu naħdmu biex inkunu dejjem aktar komunita' rikonċiljata u komunita' li tirrikonċilja.

- B'kuraġġ u b'konvinzjoni, Knisja profetika tkompli tgħallem bil-fatti li l-festi għandhom ikunu ċelebrazzjonijiet li jgħaqqdu u mhux jifirdu. Għalhekk jitkomplew ir-riforma u t-tiġdid tal-festi tal-parroċċi u l-komunitajiet tagħna, kemm fl-elementi interni kif ukoll esterni, billi jissaħħu l-element reliġjuż u l-aspetti ta' qima, ferħ nisrani, għaqda u għajnuna lil min hu fil-bżonn, u jitwarrbu elementi li jġibu firda jew offiża lil Alla jew lill-proxxmu (inklużi esaġerazzjoni fl-infiq jew tbatija lill-morda minħabba l-ħoss eċċessiv ta' ċerti tipi ta' nar ta' l-ajru, eċċ.). Knisja profetika tiddisassoċja ruħha minn kull element pagan li jsir f'ċerti marċijiet. Għandna nkunu ċari ma' kulħadd li dawn l-elementi ma rriduhomx iċappsu l-festi reliġjużi tagħna.

- Il-Knisja, waqt li tistma l-valuri pożittivi tar-reliġjożita' popolari, timpenja ruħha fl-edukazzjoni tal-komunita' nisranija biex din ir-reliġjożita' ssir dejjem iżjed espressjoni ta' fidi vera." *Viżjoni ta' Knisja Komunjoni 49*

4. <u>Kollaborazzjoni bejn il-Fratellanzi fil-Parroċċa</u>

Il-preżenza ta' aktar minn Fratellanza waħda f'parroċċa, toffri opportunita' lill-istess Fratellanzi, biex bħala Knisja jkomplu jikbru flimkien bħala "Komunita' ta' Komunitajiet". Il-Fratellanzi preżenti flimkien fil-parroċċa, barra milli jippromwovu s-sejħa u l-ħidmiet

partikolari tagħhom, għandhom ifittxu li jkattru s-sens ta' fraternita' bejniethom billi jikbru flimkien fl-għarfien ta' l-imħabba t'Alla, u billi jwettqu ħidma flimkien, b'mod partikolari l-Ħidma ta' Formazzjoni u l-Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni.

Dak li jingħad hawnhekk għal Fratellanzi f'parroċċa, jgħodd ukoll bħala gwida ġenerali għal Fratellanzi li huma konnessi ma' l-istess Istitut Reliġjuż.

<u>Kummissjoni Parrokkjali Fratellanzi</u>

Biex titwettaq ħidma flimkien bejn il-Fratellanzi preżenti f'parroċċa, hemm ħtieġa ta' struttura organizzattiva li ssostni r-relazzjoni ta' bejniethom. Għal dan il-għan, għandha titwaqqaf fil-parroċċa Kummissjoni Parrokkjali Fratellanzi (KPFR) bħala waħda mill-Kummissjonijiet tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali.

Din tkun preseduta mill-kappillan tal-parroċċa u jkollha bħala membri fi ħdanha r-Rettur u s-Segretarju ta' kull Ftarellanza preżenti fil-parroċċa.

Ir-rwol ta' din il-Kummissjoni jkun li tikkordina l-ħidma tal-Fratellanzi fil-parroċċa billi:

a. tippromwovi u twettaq il-Ħidma ta' Formazzjoni għall-Fratelli kollha tal-parroċċa flimkien;
b. tirregola l-Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni bħala ħidma tal-parroċċa;
ċ. tara li kull Fratellanza twettaq il-Ħidma ta' Appostolat skond is-Sejħa partikolari tagħha.

Permezz tal-ħidma tagħha, il-Kummissjoni tieħu ħsieb li l-Fratellanzi jimxu fil-ħidma tagħhom skond kif provdut fl-Istatut ta' kull Fratellanza, kif ukoll skond ir-Regolamenti Partikolari ta' kull Fratellanza fil-Parroċċa.

Fejn tkun imwaqqfa il-Kummissjoni Parrokkjali Fratellanzi, ir-rappreżentanza tal-Fratellanzi fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali ssir permezz ta' wieħed mill-Uffiċjali membri tal-kummissjoni, li jissejjaħ mill-Kappillan biex jaqdi dan id-dover.

Il-Kummissjoni għandu jkollha r-Regolamenti Partikolari tagħha biex tkun imfissra aħjar il-ħidma tagħha. Dawn ir-regolamenti hekk miżjuda ma jistgħu bl-ebda mod imorru kontra l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi u kopja tagħhom tintbagħat lid-Delegati ta' l-Arċisqof fis-Segretarjati "Għal-Lajċi" u "Għall-Ħajja u Ħidma fil-Parroċċi".

4.2 <u>Laqgħa Ġenerali Annwali għall-Fratellanzi fil-Parroċċa</u>

Bħala għajnuna biex tikber il-fraternita' bejn il-membri tal-Fratellanzi kollha preżenti fil-parroċċa u biex il-membri fi ħdanhom japprezzaw aktar lil xulxin, darba fis-sena l-Kummissjoni Parrokkjali Fratellanzi torganizza u tmexxi Laqgħa Ġenerali Annwali għall-membri kollha tal-Fratellanzi fil-parroċċa. F'din il-laqgħa għandu jkun hemm mument ta' talb flimkien, mument ta' qsim ta' esperjenzi ta' ħidma, u mument soċjali flimkien.

<u>Kollaborazzjoni bejn Fratellanzi minn Parroċċi fi ħdan l-Unita' Pastorali</u>

Is-Sinodu Djoċesan m'huwiex biss ġrajja tal-Knisja f'Malta li ġrat fi żmien partikolari, imma hu wkoll stil ta' ħajja fil-Knisja, li jkompli wara din il-ġrajja. Dan l-istil ta' ħajja jfisser li rridu nagħmlu ħilitna biex nersqu aktar lejn xulxin. Għal dan il-għan fi ħdan il-Knisja f'Malta l-parroċċi huma mħeġġin biex jersqu lejn xulxin u anke jwettqu ħidma flimkien. Dan jista' jitwettaq fi ħdan l-Unita' Pastorali li jgħaqqdu fihom parroċċi qrib ta' xulxin.

Il-Fratellanzi mid-diversi parroċċi fl-Unita' Pastorali għandhom isibu okkażjonijiet meta jwettqu ħidmiet flimkien jew meta

jistiednu lil xulxin għal ċelebrazzjonijiet partikolari tul is-Sena Liturġika.

Modi differenti kif [illegible] il-kuntatt bejn il-Fratellanzi huma permezz ta':

a. kuntatt bejn il-Kunsilli Pastorali Parrokkjali tal-parroċċi rispettivi;
b. kuntatt bejn il-Kummissjonijiet Parrokkjali Fratellanzi;
ċ. kuntatt dirett bejn il-Fratellanzi;
d. laqgħat tal-Grupp ta' Kuntatt li jsiru bejn rappreżentanti mill-parroċċi;
e. xi struttura organizzata oħra li minn żmien għal żmien tista' tiġi mwaqqfa għal dan il-għan fi ħdan il-Knisja f'Malta.

<u>Kollaborazzjoni bejn Fratellanzi li jħaddnu l-istess Sejħa</u>

Mod ieħor kif il-Fratellanzi jistgħu jikkollaboraw bejniethom hu billi Fratellanzi li jħaddnu l-istess Sejħa, eż. Fratellanzi tar-Rużarju, jew Fratellanzi tas-Sagrament, eċċ., joħolqu kuntatti bejniethom bl-iskop li jikbru flimkien fl-għarfien tas-sejħa tagħhom u biex jaqsmu esperjenzi ta' ħidma li jwettqu.

<u>Emendi għal Appendiċi III anness ma' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi</u>

Dan id-Dokument Appendiċi III anness ma' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi hu approvat mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta u jista' jiġi emendat biss mill-istess Awtoritajiet Ekkleżjastiċi.